# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M. (CARDIFF). ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 12/2021 BS**

**MM nee' T**

**-vs-**

**CM**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attrici[1] illi ppremettiet:**

1. ILLI l-partijiet iżżewwġu [sic] nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980) fil-Katidral ta' Għawdex, ir-Rabat Għawdex u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mMat Dok AF1;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu M, S u R li llum huma lkoll maġġjorenni;

[1] Rik. Gur a fol. 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 u 6.

3. ILLI l-ħajja konjugali ta′ bejniethom ġiet reża impossibbli u dan minħabba raġunijiet li huma suffiċjenti fil-liġi għall-otteniment tas-seprazzjoni personali;

4. IN OLTRE ma hemmx prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni għaliex il-partijiet ilhom għal aktar minn sitt (6) snin separti *de facto*, u llum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. ILLI l-proċeduri tal-medjazzjoni nagħlqu u l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b′kawża kontenzjuża permezz ta′ digriet datat id-disgħa u għoxrin (29) ta′ Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) liema digriet huwa hawn anness u mMat Dok AF2;

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

1. Tiddikjara u tippronunzja li ż-żwieġ ta′ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat peress li huwa ħati ta′ inġurji, sevizzi u theddid fil-konfrton tar-rikorrenti;

2. Tiffissa l-manteniment pagabbli lir-rikorrenti mill-intimat li għandha tiġi prestata mill-intimat lir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas retta alimentari kif iffissata minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta′ eredità reċiproċi;

5. Tiddikjra xolta l-komunjoni ta′ l-akkwisti [sic] naxxenti bejniethom u tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-partijiet u l-benefikati magħmula mir-rikorrenti u mill-komunjoni tal-akkwisti fuq proprjetà parafernali tar-raġel;

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespot tapplika jekk ikun il-każ kontra l-intimat interament jew in parti d-dispożizzjonijiet ta′ l-Artikoli tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Ċivili;

7. Ai termini tal-Artikolu 66 et sek tal-Kodiċi Ċivili, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha, "T".

Bl-ispejjeż kontra l-intimat u bl-inġunzjoni tal-istess intimat minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut CM[2] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tmenin (1980) fil-Katidral tar-Rabat, Għawdex;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu M, S u R li llum huma kollha maġġorenni;

3. ILLI l-ħajja konjugali ta' bejniethom ġiet reża impossibbli u dan minħabba raġunijiet li huma suffiċjenti fil-liġi għall-ottjeniment tas-separazzjoni personali;

4. IŻJED minhekk [sic], mhemmx prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni għaliex il-partijiet ilhom għall [sic] iktar minn sitt (6) snin separati *de facto* u llum għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. ILLI l-proċeduri tal-medjazzjoni ngħalqu u l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b'kawża kontenzjuża permezz ta' digriet datat id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara u tippronunzja li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba azzjonijiet u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attriċi peress li hija ħatja ta' inġurji, sevizzi u theddid fil-konfront tal-intimat konvenut;

---

[2] Risposta a fol 11 sa 16 b'dokument a fol 17 inkluz verso pagina.

2. Tiddikjara u tippronunzja li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għaliex l-attriċi abbandunat għall kollox [sic] lill-żewġha [sic] għall [sic] dawn l-aħħar sitt (6) snin mingħajr ebda raġuni valida skond [sic] il-liġi u dan skond [sic] l-Artikolu wieħed u erbgħin (41) tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tikkundanna lill-attriċi ħatja tal-abbandun ta' żewġha u tad-dar matrimonjali għall [sic] dawn l-aħħar sitt (6) snin mingħajr raġuni valida skond [sic] il-liġi;

4. Tħassar u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet datat wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali Sezzjoni tal-Familja mill-Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D. fejn l-Onorabbli Qorti mingħajr ma daħlet fil-mertu tal-kwistjonijiet bejn il-partijiet kienet iffissat retta alimentari pagabbli mir-raġel, illum l-intimat lil-martu [sic], illum l-attriċi fis-somma ta' erba' mitt ewro (400 ewro) fix-xahar, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors li kienet ħdax (11) t' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Dan id-digriet qed jiġi hawn preżentat u mehmuż bħala Dok **"A"**;

   Dan għar-raġunijiet spjegati hawn fuq fin-numru tnejn (2) u numru tlieta (3) jiġifieri għaliex l-attriċi hija ħatja tal-abbandun ta' żewġha u tad-dar matrimonjali għall [sic] dawn l-aħħar sitt (6) snin mingħajr raġuni valida skond [sic] il-liġi;

5. Għalhekk huwa qed jitlob ukoll ir-refużjoni lura tal-flus illi huwa ħallas lill-attriċi bħala retta alimentari (manteniment) permezz tad-digriet datat wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) mogħti mill-Onorabblli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali Sezzjoni tal-Familja mill-Maġistrat Dottor Paul Coppini LL.D. b'effett mid-data tal-preżentanta tar-rikors li kienet ħdax (11) t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017);

6. Iżjed minhekk [sic], din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex tħassar u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet datat tat-Tnejn wieħed u għoxrin (21) t'Awwissu, tas-sena elfejn u sbatax (2017) għaliex l-

attriċi qiegħda taħdem b'impjieg fiss u b-introjtu [sic] finanzjarju tajjeb għall-dawn [sic] l-aħħar snin. Iżjed minhekk [sic], hija wirtet somma konsiderevoli ta' flus mill-wirt tal-mejtin missierha u ommha;

7. Tiċħad li tikkundanna lill-intimat iħallas tali retta alimentari lill-attriċi għar-raġunijiet imsemmijin hawn;

8. Tiddikjara illi l-partijiet iddekaw mid-drittijiet ta' eredità reċiproċi;

9. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti naxxenti bejniethom u tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-partijiet, speċjalment id-dar matrimonjali bl-indirizz "Shangri-La", Triq Dr. Anton Tabone, Victoria, Għawdex li hija proprjetà parafernali tal-intimat konvenut f'din il-kawża;

10. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, tapplika jekk ikun il-każ kontra l-attriċi interament jew in parti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu tmienja u erbgħin (48) sa wieħed u ħamsin (51) tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu sittax (16) Liġijiet ta' Malta;

11. Ai termini tal-Artikolu 66 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu sittax (16), tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi u bl-inġunzjoni tal-istess attriċi minn issa għas-subizzjoni.

**Fliet l-atti.**

**Rat** iċ-ċertifikat taż-żwieġ konsagrat bejn il-partijiet fil-15 ta' Novembru, 1980 kif maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru 003410.[3]

**Rat** id-digriet tad-29 ta' Marzu, 2021 li ddikjara l-istadju tal-medjazzjoni magħluq u awtorizza lill-partijiet jipprosegwu b'din l-istanza.[4]

[3] Certifikat atz-zwieg a fol 5.
[4] Digriet a fol 6.

**Rat** id-digriet tal-21 ta' Awwissu, 2017 mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-proċeduri ta' medjazzjoni ndipendenti numru 71/2017 PC.[5]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2022 ingħata differiment għall-probabbli transazzjoni.[6]

**Rat** in-nota tal-attriċi bid-diversi dokumenti annessi magħha.[7]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru, 2022 l-attriċi ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq.[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2023 il-konvenut iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq u l-partijiet qablu li l-kawża tista tmur għas-sentenza.[9]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Dr. Sean Apap Meli**, in rappreżentanza tad-Dipartiment ta' Sigurta' Soċjali, xehed[10] li l-konvenut jieħu pensjoni mid-dipartiment u oħra tas-servizz minn barra minn Malta.

Jeżebixxi dokument li juri dan id-dħul.[11]

Jispjega li mid-dipartiment il-konvenut jieħu pensjoni tal-irtirar mnaqqsa minnha l-pensjoni tas-servizz li huwa jirċievi minn barra minn Malta.

[5] Digriet a fol 17 inkluz in verso pagina.
[6] Verbal a fol 50
[7] Nota a fol 57 b'dokumenti a fol 58 sa 107.
[8] Verbal a fol 108.
[9] Verbal ta' l-1 ta' Marzu, 2023.
[10] Traskrizzjoni a fol 26a sa 26j.
[11] Dokument a fol 27, 28, 29.

Jgħid li għalhekk mid-dipartiment jieħu biss € 61.84 fil-ġimgħa. Jispjega li dan il-valur ġie ffissat mid-dipartiment wara li l-istess dipartiment ikkunsidra d-dħul tal-konvenut mill-*Award Winning Pensions Administration* – il-pensjoni li jirċievi minn barra minn Malta.

Jeżebixxi kopja ta' dokument li juri d-dħul tal-konvenut f'pensjoni perċepita minn barra minn Malta.[12]

Rigward l-attriċi, jippreżenta l-*contribution record* tagħha[13] – il-valuri li ħallset hi għalija. Iżid li hija ma' tieħu ebda pensjoni. Jispjega li l-bolol mħallsa minn kull individwu jiġu kkunsidrati ndipendentement minn zewġu/martu. Iżid li l-unika darba li dawn jaffetwa lil xulxin ikun f'każ ta' pensjoni tar-romol.

**Michael Grech**, in rappreżentanza ta' *Michael Grech Financial Investment Services*, xehed[14] li l-partijiet flimkien għandhom *cash account* magħhom. Jispjega li dan ifisser li huma depożitarji ta' ammont f'kontanti proprjeta' tal-partijiet.

Jeżebixxi dokument li juri l-valur miżmum magħhom f'isem il-partijiet.[15]

Iżid li meta jridu l-partijiet jistgħu jmorru u jiġbru nofs il-valur kull wieħed.

**Leanne Vella**, in rappreżentanza ta' *ARMS Limited*, xehdet[16] rigward *units* ta' enerġija li jiġġeneraw pannelli fotovoltajiċi nstallati fil-proprjeta' li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet.

Tispjega li sabiex jiġi kalkolat valur li jitħallas lill-klijent il-kumpanija tikkunsidra l-*units* iġġenerati mil-pannelli u dawk utilizzati fil-proprjeta' tenut kont tar-rati applikabbli.

[12] Dokument a fol 30.
[13] Dokument a fol 31u 32.
[14] Traskrizzjoni a fol 32 a sa 32d.
[15] Dokument a fol 33.
[16] Traskrizzjoni a fol 33a sa 33o.

Iċċarat mil-Qorti li l-Qorti jkollha eżiġenza tkun taf xi tħallas minnhom lill-klijent wara li jsir il-kalkolu spjegat minnha, tgħid li; qatt ma' kien hemm xi valuri fenomenali pagabbli lill-partijiet f'din l-istanza. Iżżid li bejn wieħed u ieħor il-valur iġġenerat jiġi *set off* ma' dak ikkonsmat.

Tippreżenta dokumenti li juru l-*history* tar-*readings* tad-dawl minn meta twaħħlu l-pannelli l-quddiem allura; mis-16 ta' Lulju, 2012 il-quddiem, il-konsum u l-lista tal-pagamenti magħmulha lill-partijiet.[17]

**In kontro-eżami**, tiċċara li x'jiġbru l-partijiet m'hemmx stante li sad-data tax-xhieda tagħha kien fadal kont dovut minnhom għal € 8.57.

**MM,** l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[18] Tiddikjara li bi flejjes parafernali tagħha ġew akkwistati għamara għal tlett kmamar tas-sodda, diversi twapet kbar, kċina inkluż mejda tal-ikel u sitt (6) siġġijiet u *appliances*, *coffee table* u vetrina għall-kamra tas-salott.

Tgħati rendikont ta' benefikati li saru bil-flus tal-komunjoni.

Tiddikjara li trid li dawn il-benefikati jiġu lkoll valwati minn perit tal-Qorti sabiex hija titħallas tagħhom.

**B'affidavit ulterjuri**,[19] tiddikjara li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ hija tal-konvenut u dan b'riżultat ta' aġir vjolenti – abbuż fiżiku u verbali – ripetittiv kemm fil-konfront tagħha kif ukoll ta' uliedhom.

Issemmi rapporti li saru l-għassa tal-pulizija u nċidenti li saru quddiem terzi kemm Malta u kemm l-Ingilterra fejn il-partijiet damu jgħixu għal għaxar (10) snin.

Tgħid li l-Ingilterra kienet taħdem fi sptar iżda Għawdex kienet mara tad-dar tiddependi fuq żewġgħa għal flus. Iżżid li flus ma' kienx jagħtiha kemm kien hemm bżonn.

Tiddikjara li hi u l-konvenut ilhom 'il fuq minn sitt (6) snin jgħixu separatament. Tgħid li bonarjament ma' rnexxilhomx jaslu.

[17] Dokumenti a fol 34 sa 41.
[18] Affidavit a fol 56.
[19] Affidavit ulterjuri a fol 58 sa 62.

Tgħid li l-konvenut għandu tlett (3) pensjonijiet u għadu jgħix fid-dar matrimonjali fejn anke nstallaw sistema ta' tmintax-il (18) pannella fotovoltajika b'dan li kontijiet m'għandux.

Iżżid li hija kienet kostretta toħroġ mid-dar matrimonjali peress li din hija parafernali tiegħu. Tgħid iżda li hija għandha dritt għal benefikati.

Iżżid li fil-proċeduri ta' medjazzjoni numru 71/2017 il-Maġistrat sedenti awtorizza li hija toħroġ mid-dar matrimonjali u stablixxa manteniment pagabbli lilha mill-konvenut fil-valur ta' € 400 fix-xhar. Tgħid li dan il-manteniment ġie ffissat in vista tal-fatt li hija kienet, kif għadha, tgħix fil-kera filwaqt li l-konvenut għandu tlett (3) pensjonijiet – bolla ta' Malta, bolla ta' l-Ingilterra, u tal-*Merchant Navy*. Tannetti kopja tal-kuntratt ta' lokazjoni tagħha.[20]

Iżżid li hija mhux ser ikollha pensjoni tajba peress li kienet mara tad-dar u bolla fuq isimha m'għandix. Tgħid li dan waqt li huwa għandu pensjoni tajba li kkontribwixxa l-bolol għalija fiż-żwieġ magħha.

Tiddikjara li llum hija taħdem *full-time* mal-*Maypole* iżda dalwaqt tgħalaq it-63 b'dan li l-pensjoni li ser tkun eleġibbli għalija ser tkun ħafna anqas minn dik tal-konvenut li ħadem għalija tul iż-żwieġ.

Iżżid li l-konvenut anqas ħallas l-€400 fix-xhar b'mod konsistenti. Tannetti kopji ta' diversi ċekkijiet li juru ħlasijiet nieqsa.[21] Tgħid li dawn tippretendi li tibqa tirċiviehom.

Bħala proprjetajiet parafernali tgħid li hija wirtet xi flus li jidhru fuq kuntratt tas-7 ta' Lulju, 2005 in atti tan-Nutar Paul George Pisani u huma miżmuma mal-bank *APS*. Tannetti kopja ta' dan il-kuntratt.[22] Tannetti wkoll *statements* bankarji maħruġa mil-bank *APS*.[23] Tannetti wkoll dokumenti relattivi għal-bejgħ ta' proprjeta' li kienet tal-ġenituri tagħha u ntirtet minnha u l-erba' (4) ħutha konġuntivament b'dan li wara inbiegħet.[24]

---

[20] Kuntratt a fol 66 sa 68.
[21] Kopji ta' cekkijiet varji a fol 65.
[22] Kuntratt a fol 80 sa 81 inkluz verso pagina ta' fol 80.
[23] *Statements* a fol 85 sa 89.
[24] Kuntratt ta' bejgh tal-31 ta' Jannar, 2019 in atti tan-Nutar Cheryl Ann Aquilina Polidano a fol 90 sa 107.

Rigward il-komunjoni tal-akkwisti telenka xi xogħolijiet u akkwisti li għamlu fid-dar matrimonjali li hija parafernali tal-konvenut. Tgħid li l-benefikati swew madwar Lm 20,000 liema valur ma' jinkludix il-pannelli fotovoltajiċi u l-kamra tal-bejt. Iżżid li tippretendi li għalmenu tiġbor Lm 10,000.

Iżżid li apparti dan mid-dar matrimonjali tippretendi l-kmamar tas-sodda u twapet kollha kif ukoll il-purtieri.

Tiddikjara wkoll li tul ż-żwieġ hi u l-konvenut akkwistaw appartament Malta, l-Imsida. Tannetti l-kuntratt relattiv għal dan l-akkwist.[25]

Tgħid li bħala depożiti konġunti hemm wieħed ma' *Michael Grech Financial Investment Services* ta' € 10,000. Iżżid li ma' taf bl-ebda djun.

**In kontro-eżami**,[26] tixhed li żewġgħa kien vjolenti lejha diversi drabi. Tgħid li wliedhom kienu xhieda ta' dan. Iżżid li l-Ingilterra qatt m'għamlet rapporti formali ta' vjolenza domestika iżda Malta għamlet tant li anke ġieli marru l-pulizija d-dar tagħhom.

Tgħid li l-pulizija qatt ma' ħadu passi kontra l-konvenut fuq vjolenza domestika iżda dan mhux għax ma' kienx hemm vjolenza domestika.

Tinsisti li l-abbuż kien fiżiku u mentali u kemm fil-konfront tagħha kif ukoll ta' ulieda fejn jekk ma' kienitx tgħaddi tiegħu l-konvenut kien isabbat u jkisser.

Suġġerit lilha li l-Ingilterra l-pulizija marru għax kienet hi mqabbda mal-ġirien tagħha tgħid li mhux veru. Iżżid li l-pulizija marru għax il-girien tagħha semaw l-għajjat u biki meta hi u l-konvenut kienu qed jiġġieldu u bgħatu lill-pulizija.

Mistoqsija kellix għajnuna d-dar tgħid li mil-konvenut ma' kellha għajnuna ta' xejn filwaqt li min jgħina kellha b'mod irregolari u kienet tħallashom hi mil-ftit flus li kien jagħtiha l-konvenut. Iżżid li l-flus li kien jagħtiha ma' kienux iservuha. Iżżid li kif qalet fl-affidavit kien jagħtiha

[25] Kuntratt tas-6 ta' Lulju, 2010 in atti tan-Nutar Kristen Dimech a fol 71 sa 79.
[26] Traskrizzjoni a fol 109 sa 120.

tant fix-xhar li minnhom kellha tgħajjex ħames (5) minn nies inkluż lilu. Tgħid li ġieli kellha anke tirrikorri għand ommha għall-għajnuna finanzjarja.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami,**[27] tgħid li f'okkazzjoni fejn ġiet msawta kienet għamlet żewġ punti f'geddumha. Tgħid li kienet għamlet ukoll rapport għand il-pulizija dwar dan.

Tgħid li hija tibqa tippretendi € 400 manteniment mingħand il-konvenut minkejja li l-ispejjeż tiegħu żdiedu għax għandu bżonn għajnuna kostanti minħabba saħħtu u dan ghax, skontha, hija m'għandix bolol imħallsin daqsu peress li dejjem baqgħet id-dar iddur bil-familja. Tgħid li hija pensjoni ser ikollha biss xi € 350 fix-xhar b'dan li għadha fil-kera u b'hekk mhux ser tlaħħaq.

Mistoqsija jekk kienx hemm żewġ nisa jmorru jgħinuha fid-dar tgħid li dak kien isir fil-Milied biss, b'dan li l-ewwel kienet tiġi waħda u meta din waqfet bdiet tmur oħra. Tgħid li dawn kienu jgħamlu ġimgħa waħda fis-sena, f'Diċembru jmorru jgħinuha kemm taqla d-dar. Iżżid li matul is-sena ma' kellha ebda għajnuna.

Iżżid li jekk il-konvenut għandu problema jħallasha l-manteniment peress li issa għandu bżonn aktar għajnuna messu jbiegh id-dar kbira li għandu, jgħix f'waħda aktar modesta', u hekk ikun jista jħallas.

Tgħid li l-kmamar tas-sodda u t-twapet ħalsithom hi u għadhom id-dar.

**CM**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit miktub bl-Ingliż.[28] Jiddikjara li huwa għandu 77 sena u jgħix waħdu. Jgħid li huwa bgħatut bl-artrite u għandu bżonn jingaġġja għajnuna li mhijiex irħisa.

Jgħid li wara li żżewġu hu u l-attriċi marru jgħixu l-Ingilterra. Iżid li martu ma' kienitx taqbel mal-ġirien tagħhom b'dan li kellhom ibiegħu u jixtru banda oħra. Iżid li baqgħu hemm sa ma' miet missieru u ġew lura Għawdex fejn beda mpjieg mal-*Gozo Channel*.

[27] Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2023.
[28] Affidavit a fol 124 et seq.

Iżid li martu kienet iżżomm id-dar nadifa u kienet issajjar tajjeb. Jgħid li l-unika kwistjoni magħha kienet li hija *habitual liar*.

Jiddikjara li l-problemi fiż-żwieġ bdew meta martu ddeċidiet li ma' jieklux flimkien, ma jarawx televizjoni flimkien, u anqas imorru l-Knisja flimkien.

Jgħid li f'Marzu tal-2015 sab nota fid-dar fejn martu kitbitlu li m'għadtx hemm imħabba bejniethom u hija mdejqa. Jgħid li dan kien meta martu telqet mid-dar matrimonjali. Jiddikjara li jannetti kopja ta' din in-nota li iżda ma' tinsabx fil-proċess.

Jallega li xi ħames snin qabel telqet mid-dar martu bgħatlitlu kont bankarju li kellu. Jgħid li ddeċida ma' jieħux passi fuq dan. Jgħid li dwar dan hi ammettiet li ħadet il-flus b'dan li qaltlu li għamlet hekk għax dawk li jtiha ma' jservuhiex. Jgħid li hawn qalilha li messa tkelmet u kien jagħtiha aktar. Aktar tard iżid li kienet qaltlu li ħadithom sabiex tgħin lil wieħed minn uliedhom b'xi dejn li kellu.

Jiddikjara li wieħed minn uliedu ħadlu xi deheb li minnu rkupra biss parti li ibnu kien biegħ lil xi ġojjellerija Għawdex.

Jgħid li l-problemi ma' martu bdew ftit xhur qabel Marzu tal-2015 meta bintu bdiet iddaħħal ġuvni d-dar b'mod regolari b'dawn kienu jsakru l-bieb tal-kamra tas-sodda. Jgħid li huwa ma' kellux pjaċir b'dan iżda martu ma' ħaditx il-pożizzjoni tiegħu.

Jiddikjara li mhux minnu li kien jaħqar lill-attriċi. Jgħid tant dan mhux minnu li fin-nota tagħha stess li ħallitlu f'Marzu tal-2015 meta telqet mid-dar qaltlu li jekk ikollu bżonn xi ħaġa jew ikun ma jiflaħx jista jċemplilha. Iżid li fil-fatt l-attriċi marret għandu xi tlett darbiet minn meta telqet mid-dar fl-2015 u anke sajritlu.

Jiddikjara li huwa dejjem ħallas għal kollox għax kien l-uniku wieħed b'paga. Iżid li lill-attriċi dejjem tagħha l-paga tiegħu kollha u kienet hi li ma' tagħtih xejn xi jkollu fil-but. Jgħid li mil-paga tiegħu l-attriċi kienet tħallas il-bżonnijiet tat-tfal u kellhom anke żewġ *house helpers*.

Iżid li huwa dejjem qal lill-attriċi li tista tirritorna meta trid.

Jgħid li l-attriċi wirtet flus mil-bejgħ ta' dar tal-ġenituri tagħha.

Iżid li jaħseb li r-raġuni li l-attriċi telqet mid-dar hija għax ma' tgħoġobix id-dixxiplina.

Jgħid li fit-tentattivi ta' ftehim bonarju huwa qabel li jħallas € 20,000 lill-attriċi b'dan li jintnesew il-pannelli fotovoltajiċi. Jgħid li l-attriċi kienet qablet.

Jiddikjara li huwa dejjem ħallas l-€ 400 ordnati sabiex jitħallsu minnu lill-attriċi fil-proċeduri ta' medjazzjoni 71/2017. Iżid iżda li aktar tard kien hemm ftehim bejnu u bejn martu sabiex hija tiġbor parti minn dan il-valur mingħand binhom li jgħix fl-appartament tagħhom f'Malta u bħala kera għall-istess użu minnu ta' l-appartament tagħhom.

Jiddikjara li d-dar matrimonjali hija parafernali tiegħu. Jgħid li l-€ 20,000 li semma qabel kellhom jinkludu l-benefikati li saru f'din id-dar tul iż-żwieġ tiegħu mall-attriċi. Iżid li l-attriċi qablet fuq dan. Jgħid li dan il-valur jinkludi wkoll il-panneli fotovoltajiċi. Iżid li riċevuti għal benefikati li għamlu nkluż xogħolijiet u xiri ta' oġġetti m'għandhomx.

Jiddikjara li hemm twapet li huma parafernali tiegħu iżda li l-kmamar tas-sodda kollha, żewġ twapet u l-purtieri kollha lkoll saru fiż-żwieġ.

Jiddikjara li l-appartament l-Imsida Malta u l-kontenut kollu tiegħu nxtara fiż-żwieġ.

Jiddikjara wkoll li hemm € 10,000 għand *Michael Grech Financial Investment Services*.

Jiddikjara li huwa qatt ma' kien vjolenti lejn l-attriċi jew uliedhom. Iżid li lill-uliedu kien jiddixxiplinhom b'kastigi skond il-bżonn iżda mhux bil-vjolenza. Iżid li martu tagħmel hafna allegazzjonijiet ta' aġir abbużiv u swat iżda ma' tressaq ebda ċertifikati jew rapporti dwar dan.

Jiddikjara li mhux minnu li kien jgħajjar u jabbuża lill-attrici bil-kliem anzi, dejjem faħħar it-tisjir u x-xogħol bl-idjen tagħha kif ukoll il-mod kif iżżomm id-dar.

Jinsisti li huwa qatt ma' kien vjolenti ma' martu jew uliedu u dejjem għen fit-trobbija ta' uliedu. Iżid li martu kellha tnejn minn nies fil-ġimgħa jgħinuha bid-dar u kien dejjem huwa li ħallasshom.

Jagħraf li m'għandu ebda pretiża fuq il-valuri li wirtet martu mingħand il-ġenituri tagħha.

Jeżebixxi diversi ritratti li skontu juru li l-ħajja miżżewġa tiegħu ma' l-attriċi u fil-familja ma' uliedu ma' kienitx vjolenti kif tipprova tgħid l-attriċi. Jgħid li r-ritratti juru li huma kienu familja kuntenta.

**In kontro-eżami**[29] jixhed li l-unika proprjeta' parafernali bejnu u l-attriċi huwa l-appartament tal-Imsida. Jgħid li huwa jittama li din tinbiegħ pero' m'hemm ħadd ingaġġjat jippromwovi l-bejgħ.

Iżid li l-proprjeta' l-Imsida hija preżentement okkupata min binhom. Jgħid li mil-manteniment li suppost iħallas lill-attriċi huwa qiegħed inaqqas valur li hija suppost tiġbor mingħand binhom li jgħix fl-appartament l-Imsida. Jgħid li dan bi qbil mal-attriċi. Iżid li mill-€ 400 dovuta lill-attriċi huwa jnaqqas € 200 kera ta' ibnu li martu suppost tiġbor mingħand binhom u xi ħaġa żgħira tal-kont tal-utilitajiet li jirċievi huwa. Jgħid li l-attriċi qatt ma' oġġezzjonat għal dan. Iżid li safejn jaf huwa binhom qed iħallasha l-kera b'dan li huwa jnaqqas il-kera mil-manteniment peress li lil binhom ma' jarah qatt.

Jgħid li m'hemmx ftehim ta' kera ma' binhom li jgħix fl-appartament l-Imsida.

Jaqbel li fid-dar parafernali tiegħu li kienet dik matrimonjali tagħhom hu u l-attriċi għamlu diversi benefikati b'xogħolijiet u anke b'xiri ta' għamara u oġġetti. Jaqbel ukoll li bidlu l-kċina u l-kmamar tas-sodda u nstallaw il-pannelli fotovoltajiċi.

---

[29] Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2023.

Iżid li kif qabel fit-tentattivi ta' ftehim bonarju jerġa jaqbel li dawn ix-xogħolijiet kollha jkunu koperti b'valur ta' € 20,000.

Jgħid li t-twapet kollha nxtraw mil-ġenituri tiegħu għajr għal tnejn li nxtraw minnu waqt iż-żwieġ mentri għal-purtieri kien ħallas hu. Jgħid li dan ġie kollu kkunsidrat meta qablu fuq l-€ 20,000.

Jgħid li djun m'hemm xejn.

Jgħid li huwa ħallas il-bolla tiegħu huwa stess. Iżid li ma' jafx jekk l-attriċi għandiex kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa. Jgħid iżda li hija ma' kienitx taħdem kemm damu miżżewġin.

Jaqbel li martu kienet iżżomm id-dar nadifa. Jgħid li l-unika problema kienet li hija tigdeb b'mod regolari.

Jgħid li l-flus li hemm għand *Michael Grech Financial Investment Services* għandhom jinqasmu bejnu u l-attriċi.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Illi b'din l-istanza l-attriċi qiegħdha titlob li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn il-konvenut b'dan li titlob ukoll li l-kawża tat-tkissir taż-żwieġ tagħhom għandha tkun attribwita lill-konvenut abbażi ta' inġurji, servizzi u tgħeddied tiegħu fil-konfront tagħha. Għaldaqstant titlob ukoll li kontra l-konvenut għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet relattivi skond l-Artikoli 48 sa 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Titlob ukoll li jiġi ffissat manteniment pagabbli lilha mil-konvenut oltre li tiġi xolta' u diviża l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn il-konvenut.

Finalment titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubita; Tabone.

Da parti tiegħu, il-konvenut jilqa' għal dan billi jeċċepixxi li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ bejnu u l-attriċi hija tal-attriċi b'dan li s-sanzjonijiet rilevanti skond l-Artikoli 48 sa 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħha. F'dan l-isfond, jallega nġurji, servizzi, theddid u abbandun da parti tal-attriċi fil-konfront tiegħu.

Il-konvenut jipproċedi mbagħad sabiex mingħajr ma' jressaq kontro-talba formali, u allura b'mod li huwa għal kollox irregolari, jagħmel sensiela ta' talbiet li, madanakollu, huma lkoll in sintonija ma' dak mitlub mill-attriċi b'dan li jitlob pronunzja tat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ bejnu u l-attriċi u konsegwentement tal-ħall taż-żwieġ bejniethom – iżda abbażi ta' raġunijiet imputabbli lill-attriċi – u x-xoljiment u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Jipproċedi iżda sabiex jitlob ukoll ir-revoka *contrario imperio* ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fi proċeduri ndipendenti għal dawn odjerni rigward il-ħlas ta' manteniment minnu lill-attriċi. Hawnhekk iżid ukoll jitlob li għandu jiġi lilu rifuż l-valur li huwa ħallas lill-attriċi bħala manteniment u li din l-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-attriċi għall-ħlas ta' manteniment minnu lilha stante li hija issa mpjegata.

Iż-żewġ partijiet talbu wkoll dikjarazzjoni li huma issa ddekadew mid-drittijiet ta' eredita' reċiproka.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi għalkemm kemmxejn inkonvenzjonali fil-mod kif inhi interposta r-risposta ġuramentata tal-konvenut, l-kawża tallum hija talba għas-separazzjoni personali: ossia għal dikjarazzjoni tat-tkissir irrimedjabli taż-żwieġ bejn il-partijiet kontendenti u konsegwentement għal ħall tal-istess żwieġ bejniethom.

Li jsegwi minn dikjarazzjoni tali ta' żwieġ huwa n-neċessita' tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, fejn din teżisti, u d-deċiżjonijiet varji rigward manteniment, fejn dan jintalab, u kwistjonijiet relattivi għal ulied taż-żwieġ kif neċessarju.

Fil-każ in diżamina, il-partijiet iżżewġu nhar il-15 ta' Novembru, 1980 f'Għawdex, Malta u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ in atti.[30]

Miż-żwieg tagħhom twieldu tlett ulied li llum huma lkoll maġġorenni. Ma' jissustu allura ebda kwistjonijiet ta' kura u kustodja, aċċess, u ħlas ta' manteniment favur l-ulied taż-żwieġ.

Iż-żwieġ sfaxxa lejn l-2015 b'dan li kemm mil-proċeduri ta' medjazzjoni anteċedenti għal din il-kawża u mill-andament ta' din il-kawża nfisha huwa ċar li bejn il-partijiet m'hemm ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni.

Għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ bejniethom iż-żewġ partijiet kontendenti jimputaw tort lil xulxin.

Fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi tallega inġurji, servizzi, u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront tagħha. B'dan li tul l-andament tal-proċeduri tindika diversi istanzi ta' vjolenza domestika kemm fiżika kif ukoll psikoloġika u emozzjonali da parti tal-konvenut fil-konfront kemm tagħha kif ukoll ta' uliedhom.

Minn naħa tiegħu, u fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenut ukoll jallega nġurji, servizzi, u theddid da parti ta' l-attriċi fil-konfront tiegħu iżda jżid ukoll l-abbundan tiegħu minnha. Fil-mori tal-proċeduri jsemmi mbagħad li għalkemm l-attriċi kienet mara tad-dar tajba, kienet propensa li ma' tgħidtx is-sewwa u f'kwistjonijiet li setgħa kien hemm fit-trobbija ta' uliedhom ma' kienitx tieħu l-istess pożizzjoni tiegħu.

Il-kwistjonijiet tal-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ huma rilevanti tenut kont tal-fatt li ż-żewġ partijiet ilkoll talbu li jiġu applikati s-sanzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta skond il-każ.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti għarblet il-provi – jew nuqqas tagħhom – prodotti mill-partijiet relattivament għall-allegazzjonijiet reċiproċi tagħhom dwar il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ.

[30] Certifikat taz-zwieg a fol 5.

B'riżultat ta' dan l-eżerċizzju, il-Qorti tħoss li ebda parti ma' rnexxilha konvinċentement tipprova lil din il-Qorti li l-parti l-oħra hija ħatja għat-tkissir taż-żwieġ. U dan tenut kont tas-segwenti osservazzjonijiet:

Għalkemm l-attriċi tallega abbużi serji ta' vjolenza domestika nkluż fiżika li, kif risaput, komunament tħalli prova viżibbli għal għajn anke għal min mhux professjonist, prova li l-attriċi stess tindika li kienet eżistenti għalmenu f'okkażżjoni waħda meta kellha bżonn ta' punti f'gedduma wara daqqa li allegatament tagħha l-konvenut; ebda prova jew xhieda ndipendenti ma' tressqu f'dan ir-rigward.

Hawnhekk m'hemmx għalfejn jingħad li kien hemm numru ta' provi u xhieda li setgħu tressqu li jvarjaw minn sempliċi ritratti għad-depożizzjoni ta' terzi bħal tobba, pulizija u terzi oħrajn li setgħu kienu xhieda ta' avvenimenti deplorabbli – tant li l-attriċi stess tixhed li tul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut għamlet diversi rapporti mal-pulizija ta' vjolenza domestika, għalmenu f'Malta, u kif diġa ntqal; għalmenu f'okkażjoni waħda kellha tirrikorri l-isptar.

Il-Qorti tifhem li abbużi li setgħu seħħew fil-passat remot, fejn il-liġijiet nostrani setgħu ma' kienux tant b'saħħithom bħal ma' huma llum, setgħu ġew trattati b'ċertu mod illum mhux aċċettabbli minn persuni varji li quddiemhom jitressqu lmenti tali – bħal dawk inkarigati mis-sigurta pubblika. Kien għalhekk li l-Qorti *sua sponte* ttentat tirreleva dettalji ta' żmien meta seħħ l-allegat abbuż bejn il-partijiet f'din il-kawża; tenut kont ukoll li l-partijiet ilhom snin mifrudin *de facto* liema snin jeħduna allura lura għaż-żmien imsemmi tal-passatt remot. B'dan li allura f'tali ċirkostanzi jista jkun hemm nuqqas ta' provi fir-rigward ta' akkużi bħal tallum.

B'dan iżda li l-attriċi stess, għal darb, darbtejn tgħid li xhieda tal-abbużi allegati minnha hemm ukoll ulieda, li huma llum ilkoll maġġorenni u setgħu għalhekk faċilment jittressqu jiddeponu. B'dan iżda ma sarx.

Ir-riżultat ta' dan huwa li l-proċess ta' din l-istanza huwa għalhekk svestit minn kwalunkwe' prova li tissustanzja l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika magħmula mill-attriċi b'dan li din il-Qorti ma' tistax b'konvinċiment morali tgħid li dan tassew seħħ.

Minn naħa l-oħra, għalkemm il-konvenut ukoll jagħmel allegazzjonijiet ta' servizzi, ingurji u theddid fir-risposta ġuramentata tiegħu, jidher li dawn jabbandunhom tul il-proċeduri fejn jirriżulta jinsisti biss fuq l-allegazzjoni tal-abbandun u ta' gideb da parti tal-attriċi.

Rigward l-allegat gideb, din il-Qorti tara li l-uniku eżempju konkret li ġab il-konvenut dwar dan kien rigward kont bankarju li skont hu tbattal mill-attriċi li filli qalet mod meta mistoqsija dwaru u filli bidlet il-verżjoni tagħha.

B'dan iżda li jirriżulta kjarament li l-partijiet kienu poġġew din il-viċenda warajhom tant li l-konvenut stess, apparti li qatt ma' jipprova, u anqas biss jgħid, x'kien il-valur f'dan il-kont qabel ma' tbattal, jgħid li spjegat minnu x'setgħa jagħmel mal-bank jekk ma' jsirx jaf kif tbattal il-kont, l-attriċi – dejjem skont hu – ammettiet li l-kont battlitu hi u huwa ddeċieda ma' jagħmel xejn aktar.

Oltre dan, din il-Qorti stess osservat li l-konvenut inniffsu huwa wkoll suġġett li jbiddel il-verżjoni tiegħu. Każ in punt huwa fejn fix-xhieda tiegħu stess magħmula f'dawn l-proċeduri filli jgħid li lill-attriċi kien jagħtiha l-paga kollha li minnha kienet tħallas ukoll lil persuni li jgħinuha fit-tindif u filli jgħid li tali persuni kien iħallashom huwa. Fil-fatt, dawn l-istess persuni li dwarhom kien hemm ukoll diverġenza bejn il-partijiet rigward il-konsistenza li biha kienu jattendu għand il-partijiet sabiex jirrendu s-servizz tagħhom anqas tressqu sabiex jixhdu, għalkemm isemmew ilkoll b'isimhom.

Huwa għalhekk li din il-Qorti mhix konvinta dwar dan il-kap ta' akkuża mressaq mill-konvenut kontra l-attriċi.

Il-konvenut jallega mbagħad l-abbandun. B'dan iżda li mill-atti jirriżulta li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali b'żmien wara nbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni. Il-konvenut stess jgħid li din ma' telqitx bla sliem u bla kliem iżda ħalliet nota li, għalkemm jgħid li jeżebiha mal-affidavit tiegħu, fil-fatt ma' tirriżultax in atti. Iżid li fl-istess nota, li minnha jidher jiċċita *verbatim* lill-attriċi nfisha, l-attriċi offriet li jekk ikollu bżonn l-għajnuna tgħinu b'dan li huwa stess jammetti li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn hija marret għandu wara s-separazzjoni *de facto* u anke sajritlu.

Il-konvenut jallega wkoll li l-abbundun tiegħu mill-attriċi seħħ anke qabel din telqet mid-dar matrimonjali b'dan li kienet tirrifjuta tiekol fuq l-istess mejda jew fl-istess ħin miegħu. B'dan iżda li fl-istess nifs jgħid li kienet issajjar tajjeb u jippreżenta sensiela ta' ritratti juru l-familja mal-mejda u li huwa stess jgħid li huma prova tal-fatt li kienu familja kuntenta.

Huwa għalhekk li anke fuq dan il-kap, din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-allegazzjoni mmirata lejn l-attriċi hija pruvata mil-konvenut.

B'dan għalhekk li din il-Qorti ma' ssib ebda raġuni valida l'għalfejn għanda tapplika xi sanzjonijiet skond il-liġi fil-konfront tal-partijiet jew xi ħadd minnhom u tista għalhekk tgħaddi għal pronuznja tal-ħall taż-żwieġ bejniethom mingħajr iżda l-imputazzjoni ta' ebda ħtija minn parti lejn l-oħra iżda sempliċiment minħabba differenzi rrikonċiljabbli bejniethom.

B'hekk, din il-Qorti tiddikjara ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 li l-firda bejn il-partijiet kontendenti seħħet minħabba li l-ħajja tagħhom flimkien ma baqgħatx aktar possibbli u dan lill'hemm minn kull imputazzjoni oħra magħmulha minn kull waħda mil-partijiet kontra l-oħra.

Magħdud dan, jibqaw il-kwistjonijiet tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-manteniment.

**Komunjoni tal-akkwisti:**

Mil-provi prodotti jirriżulta li in komunjoni l-partijiet kellhom kontijiet miżmuma ma' *Michael Grech Financial Investment Services*, u l-proprjeta' ossia appartament numru 4 fil-blokka "Cloe Court", fi Triq ix-Xmiexi, l-Imsida, Malta.

Ma' ġewx prodotti provi dwar kontijiet bankarji għajr dak miżmum mal-bank *APS* mill-attriċi waħedha fejn jirriżulta d-dħul perċepit minnha minn sehema mill-eredita' tal-ġenituri tagħha.[31]

[31] Dokumenti a fol 85 sa 89.

Rigward l-proprjeta' ossia appartament numru 4 fil-blokka "Cloe Court", fi Triq ix-Xmiexi, l-Imsida, Malta; il-Qorti tosserva li dan inxtara fis-6 ta' Lulju, 2010 permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Kristen Dimech[32] meta l-partijiet kien għadhom miżżewġin u mhux *de facto* separati. B'dan allura huwa ċertament in komunjoni bejniethom.

Il-Qorti tosserva wkoll ix-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li l-kontenut tal-istess nxtara fiż-żwieġ tal-partijiet.

Rigward il-kontijiet miżmuma ma' *Michael Grech Financial Investment Services*, il-Qorti tosserva li għalkemm ir-rappreżentant tat-tali soċjeta' xehed li l-partijiet kellhom valur wieħed ta' € 165,012.83[33] miżmum f'isimhom konġunt mis-soċjeta', il-partijiet infishom it-tnejn jitkellmu fuq valur ta' € 10,000 bħala miżmum minn din is-soċjeta'.

Mhux magħruf jekk il-partijiet kienux qed jindikaw total żbaljat jew jekk humiex jgħidu li hemm ukoll kont ieħor ta' € 10,000 miżmum ma' din is-socjeta' oltre dak ikkonfermat mir-rappreżentant tagħha kif imsemmi.

**Djun:**

Il-konvenut jiddikjara bil-ġurament li djun m'hemmx mentri l-attriċi tgħid li ma tafx bi djun.

**Proprjeta' parafernali:**

Bħala proprjeta' parafernali l-partijiet jaqblu li hemm id-dar "Shangri-La", Triq it-Tabib Anton Tabone, ir-Rabat, Għawdex – VCT 9022 li hija parafernali għall-konvenut u hemm l-eredita' tal-ġenituri ta' l-attriċi li hija parafernali tagħha.

Ma' jaqblux iżda dwar liema oġġetti mil-kontenut tad-dar "Shangri-La", Triq it-Tabib Anton Tabone, ir-Rabat, Għawdex – VCT 9022, li kienet id-dar matrimonjali tul iż-żwieġ tagħhom, huma parafernali jew tal-komunjoni tal-akkwisti.

[32] Kuntratt a fol 71 sa 79.
[33] Ref dokument a fol 33.

L-attriċi tinsisti li hemm diversi oġġetti li huma parafernali tagħha jew mixtrija fiż-żwieġ mentri l-konvenut ma' jaqbilx u jgħid mod ieħor. Il-partijiet jaqblu iżda li tul iż-żwieġ saru ameljoramenti u benefikati f'din id-dar kemm b'xogħolijiet varji kif ukoll bl-akkwist ta' diversi komoditajiet inkluż sett ta' tmintax-il (18) pannella fotovoltajika.

Din il-Qorti tosserva li fir-rigward tal-oġġetti li fuqhom il-partjiet ma' jaqblux, apparti li ma' tressqux provi tal-valur tagħhom, u dan minkejja li l-attriċi tablet iżda ma' nsistitx li jinħatar espert għal dan il-għan; jirriżulta li l-istess huma oġġetti li għandhom ammont ta' snin fuqhom u li jista' jagħti l-każ li l-valur tagħhom huwa issa ben ridott tenut kont tat-trapass taż-żmien u l-użu tagħhom.

Jirriżulta ulterjorment li dawn l-oġġetti tgawdew għal tul ta' żmien mil-partijiet konġuntivament tul iż-żwieġ tagħhom, inkluż il-pannelli fotovoltajiċi li skont ix-xhieda tar-rappreżentanta tal-*ARMS Limited* ġew installati fl-2012 mentri l-partijiet isseparaw *de facto* lejn l-2015 – kif jixhed fid-dettall il-konvenut.

B'dan li allura, l-offerta għall-ħlas favur l-attriċi tas-somma ta' € 20,000 bħala kontribut lilha għal dak kollu li sar fid-dar matrimonjali parafernali tal-konvenut tul iż-żwieġ tidher mhux biss aċċettabbli iżda addirittura aċċettata mil-partijiet.

Tixhed fil-fatt l-attriċi, fl-affidavit ulterjuri tagħha: *niftakar li x-xogholijiet kienu gewna madwar Lm 20,000. Dan ma' jinkludix il-pannelli u l-kamra tal-bejt ghaliex il-kamra tal-bejt ghamilniha qabel u l-pannelli ghamilnihom wara. Ghalhekk jien nippretendi li almenu nigbor l-Lm 10,000.*[34]

Minn naħa l-oħra, il-konvenut, apparti li jinsisti li l-kamra tal-bejt saret anteċedentement għaż-żwieġ tiegħu mall-attriċi, mistoqsi jaqbilx li l-attriċi għandha tirċievi l-ħlas ta' € 20,000, jirrispondi: *you have put that into the contract and I agreed to the amount I was going to pay.*[35]

**Manteniment:**

[34] L-ahhar paragrafu fil-pagna tal-affidavit taghha li tinsab a fol 60.
[35] Traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minnu nhar l-1 ta' Marzu, 2023 – mhux paginata.

Bħala manteniment it-talba quddiem din il-Qorti għal ħlas tiegħu saret mill-attriċi versu l-konvenut. M'hemmx talba bil-kontra magħmulha mil-konvenut versu l-attriċi għalkemm, b'mod inkonvenzjonali, saru talbiet ukoll mil-konvenut inkluż għar-revoka *contrario imperio* ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-proċeduri ndipendneti numru 71/2017 fl-atti tal-medjazzjoni.[36]

Din il-Qorti tibda sabiex tiċċara li kjarament m'għandha ebda awtorita', f'istanza bħal din, li tissindika jew addirittura tirrevoka digriet mogħti preċedentement fi proċeduri ndipendenti. Jekk kien hemm diżgwid dwar tali digriet kien hemm proċeduri idonji li setgħu ttieħdu fiż-żmien opportun.

B'dan iżda li huwa ċar li tali digriet kien wieħed mogħti rigward *"retta alimentari provizorja"* tenut kont li l-proċeduri kienu ta' medjazzjoni b'dawn ta' separazzjoni personali huma dawk finali fil-konfront ta' tali kwistjoni.

Din il-Qorti tosserva li prova tal-introjtu tal-partijiet jew li ċ-ċirkostanzi tagħhom inbidlu min dakinhar tal-għoti tad-digriet tal-manteniment proviżorju ma' nġabitx għall-iskrutinju tagħha. Saru minflok diversi argumenti rigward il-kontribuzzjonijiet soċjali mħallsa jew le mil-partijiet u l-pensjoni perċipita jew li għad tkun perċepibbli minnhom tenut kont ta' tali ħlasijiet.

Din il-Qorti tosserva ulterjorment, iżda, li filwaqt li huwa ċar li l-konvenut ħadem u ħallas b'mod konsistenti l-kontribuzzjonijiet soċjali tiegħu, xi ħaġa li setgħa jagħmel anke għaliex li l-attriċi dakinhar martu ħadet ir-ridni tad-dar u t-trobbija tal-ulied f'idejha; l-attriċi ma' setgħatx tagħmel bħalu proprju għaliex għamlet żmien konsiderevoli ma' taħdimx sabiex hekk ħadet ir-ridni f'idejha kif ingħad.

Dan jgħarfuh iż-żewġ partijiet li huma u huwa wkoll ikkonfermat mix-xhud rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

B'dan iżda li jirriżulta li wara din is-sentenza tallum il-partijiet ser ikunu f'sitwazzjonijiet simili l-wieħed lejn l-oħra kemm għaliex hemm qbil li d-depożiti f'isimhom jinqasmu minn nofs, kif del resto trid il-liġi, iżda anke

[36] Kopja tad-digriet tinsba a fol 17 inkluz in verso pagina.

għaliex l-attriċi diġa' ipperċepiet u użufruwit minn diversi pagamenti magħmulha bħala manteniment mill-konvenut għalmenu mill-2017, data tad-digriet in atti tal-proċeduri numru 71/2017, sa issa.

Din il-Qorti tieħu wkoll in kunsiderazzjoni li tul il-parti kbira taż-żmien li l-partijiet għamlu miżżewġin, il-konvenut kien l-uniku wieħed bi dħul u lil martu kien jgħaddilha jekk mhux il-paga kollha kif jgħid huwa, ċertament xi valur tant li dan ammettietu hija stess f'kull stadju tax-xhieda tagħha. B'dan li l-kontributi li saru minnu lejn dak li issa ser jinqasam bejn il-partijiet u dak li saru minnha, inkluż għal ħlasijiet attribwibbli għat-trobbija tal-ulied u l-għixin tal-familja, għalkemm mhux kalkolabbli stante nuqqas ta' provi, huma ċertament konsiderevoli.

Jingħad ulterjorment li l-fatt li bħalissa l-attriċi tinsab tgħix fil-kera' ma' jfissirx li ma' jistax jinbidel, speċjalment tenut kont ta' dak li ser jiġi deċiż fir-rigward tal-proprjeta' tal-komunjoni.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut kif konformi ma' dak li ser jingħad hawn aktar l-isfel:

i. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet mingħajr iżda l-imputazzjoni ta' ebda ħtija minn ebda parti lejn l-oħra;

ii. Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet attriċi limitatament billi żżomm ferm r-retta alimentari bħalissa pagabbli mill-konvenut lill-attriċi fis-somma ta' € 400 fix-xhar b'din iżda għandha tibqa' biss pagabbli sa' ma' tinbiegħ il-proprjeta' miżmuma in komuni bejn il-partijiet ossia l-appartament numru 4 fil-blokka ta' appartamenti denominata "Cleo Court' fi Triq ix-Xmiexi, l-Imsida, Malta;

iii. Tilqa' ir-raba' talba attriċi u tiddikjara li l-partijiet iddekedaw mid-drittijiet ta' eredita' reċiproċi;

iv. Tilqa' il-ħames talba attriċi kif isegwi:

a) Tidentifika l-beni parafernali tal-partijiet bħala l-proprjeta' "Shangri-La", Triq it-Tabib Anton Tabone, ir-Rabat, Għawdex – VCT 9022 – parafernali tal-konvenut, u l-valuri kollha li jirriżultaw fil-kont bankarju tal-APS – rendikont ta' liema jinsab a fol 85 u 86 tal-proċess – u dawk derivanti mill-eredita' tal-ġenituri ta' l-attriċi favur tagħha bħala parafernali tal-attriċi;

b) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess kif isegwi:

1. il-konvenut għandu jħallas il-valur ta' € 20,000 lill-attriċi bħala kontribut lilha għal benefikati kollha li saru tul iż-żwieġ bejniethom fil-proprjeta' parafernali tiegħu "Shangri-La", Triq it-Tabib Anton Tabone, ir-Rabat, Għawdex – VCT 9022;

2. il-flejjes kollha miżmuma f'isem il-partijiet, kemm konguntivament kif ukoll individwalment, mas-soċjeta' *Michael Grech Financial Investment Services* għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u hekk jitħallsu lilhom mill-istess soċjeta' fuq domanda sempliċi lilha minn kull waħda mill-partijiet, b'dan li mingħand l-istess soċjeta' kull waħda mill-partijiet tista biss titlob il-ħlas tas-sehem dovut lilha mhux ukoll dak dovut lill-parti l-oħra;

3. il-proprjeta' ossia appartament numru 4 fil-blokka ta' appartamenti denominata "Cleo Court' fi Triq ix-Xmiexi, l-Imsida, Malta għandu jiġu valutat u mpoġġi fuq is-suq mingħajr dewmien b'dan li jekk ma' jinbiegħx mil-partijiet fi żmien sena millum jinbiegħ b'liċitazzjoni wara l-istess perijodu ta' sena bir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali bejniethom wara li jitħallsu kwalunkwe' debiti u spejjeż gravanti l-istess u l-proċeduri ta' bejgħ b'liċitazzjoni;

v. Tiċħad is-sitt talba attriċi b'dan li tirribadixxi li m'hi qiegħda tiġi attribwita ebda ħtija minn ebda waħda mil-partijiet lejn l-oħra għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejniethom;

vi. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tawtorizza lill-istess attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha - Tabone.

Bl-ispejjeż għaż-żewġ partijiet nofs bin-nofs kull wieħed.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur